**Minuti tal-Laqgħa nru 46 tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Mosta li ġiet imsejħa għal nhar il-Ħamis 9 ta' Settembru 2010 fis-7.00 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.30 ta' filgħaxija.

Il-Kunsillieri kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxa il-laqgħa tal-kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana | 7.20 | 9.15 |
| Viċi Sindku Josette Agius Decelis | 7.30 | 9.15 |
| Kunsillier Joseph Demartino | 7.40 | 9.15 |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.30 | 9.15 |
| Kunsillier Dr Shirley Farrugia | *8.30* | 9.15 |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 8.10 | 9.15 |
| Kunsillier Paul Agius | 7.30 | 9.15 |
| Kunsillier Kirby Fenech | 7.30 | 9.15 |
| Kunsillier Christopher Grech | skużat | - |
| Kunsillier John Mary Camilleri | skużat | - |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | skużata | - |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv , is-Sur Noel Cini kien preżenti għal-laqgħa.

Fil-bidu tal-laqgħa l-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lil dawk preżenti li l-Kunsillieri Christopher Grech, John Mary Camilleri u Nicola Fenech Adami kienu bagħtu komunikazzjoni fejn qed jitolbu li jiġu skużati milli jattendi. Il-Kunsill aċċetta t-talba tal-Kunsillieri konċernati.

**1.00 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 45**

1.01 Il-Minuti ttieħdu bħala moqrija. Is-Sindku qal li xtaq jikkjarifika xi affarijiet żgħar fil-minuti fejn f' paragrafu 2.01 (linja 4) tiddaħħal il-frażi 'fondi fil-budget ta' din is-sena jeżistu; apparti minnhekk' bejn il-kliem '*fil-preżent* u *l-Kunsill*', (linja 5) tiddaħħal il-kelma 'kienitx' bejn il-kliem '*ma* u *qed titħallas*', (linja 7) jiddaħħlu wkoll il-kliem 'parti mill-' bejn il-kliem '*is-sena* u *l-ispejjes*', (linja 7) il-kelma 'jistgħu' bejn il-kliem '*iċ-ċentru* u *jittieħdu*', (linja 12) l-isem 'Alfred' bejn il-kliem '*perit* u *Grech*', u fl-aħħar tal-paragrafu 3.03 tiżdied il-frażi 'Dan huwa konformi mad-deċiżjoni tal-Kumitat tal-Adġudikazzjoni'. Dawk preżenti qablu li jidħlu dawn l-emendi, u minħabba li ma kienx hemm aktar korrezzjonijiet is-Sindku ppropona li dawn il-minuti jiġu approvati kif emendati. Il-minuti tal-laqgħa preċendenti ġew approvati minn dawk preżenti.

**2.00 Tagħrif mill-Minuti**

2.01 Minħabba li ma kienx hemm tagħrif mill-Minuti, is-Sindku għadda għall-item li kien imiss fuq l-aġenda.

**3.00 Korrispondenza**

3.01 Giet preżentata lista ta' 16 ittra/email – liema lista tqassmet ukoll lill-Kunsillieri kollha. Inqraw l-ittri u l-emails kollha u ġiet immarkata l-azzjoni li trid tittieħed fuq kull korrispondenza skont il-lista annessa ma' dawn il-minuti.

3.02 Il-Viċi Sindku semmiet każ fejn fi Triq id-Dawr hemm Yucca li l-weraq tagħha qed ikunu ta' periku, speċjalment għat-tfal. Il-Kunsill iddeċieda li din il-Yucca kellha titneħħa.

**4.00 Materji Finanzjarji**

4.01 Il-Kunsill approva lista ta' pagamenti urġenti li jammontaw għal ewro 23,888.07 u lista oħra ta' ħlasijiet li tammonta għal ewro 64,740.78.

4.02 Il-Kunsill approva wkoll ħlas ta' ewro 350 b' konnessjoni mal-kiri ta' boxing ring għal attivitaċ b' risq il-karitaċ organizzata mill-Kunsill fl-20 ta' Awwissu 2010. Din l-attivitaċ kienet giet approvata mill-Kunisll xi gimghat qabel.

4.03 Il-Kunsill approva wkoll ħlas ta' ewro 500.00 dovut lis-Sur Ivan Bartolo b' konnessjoni mal-fuljett "Il-Kunsill Tiegħek".

4.04 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien irċeva l-Management Letter dwar l-awditjar tal-Kunsill. Hu qal li issa trid tiġi fformulata risposta. Kopja tal-Management Letter tqassmet lil dawk preżenti.

4.04 Il-Kunsillier Agius staqsa dwar xi kontijiet lill-kumpanija Go plc u qal li qabel jitħallsu dawn il-kontijiet ikun aħjar li dawn jerġgħu jiġu ċċekkjati minħabba li l-ammonti li jidhru fil-lista kienu l-istess.

**5.00 Ingaġġ ta' Zewġ Skrivani mal-Kunsill**

5.01 Is-Sindku qal li minħabba l-volum kbir ta' xogħol li qed ikollu l-Kunsill qed jissuġġerixxi li jinbeda l-proċess sabiex il-Kunsill ikun jista' jimpjega żewġ skrivani. Dawk preżenti qablu li l-Kunsill għandu jibda l-proċess li għandu jwassal għall-impjieg ta' żewġ skrivani fi skala 15.

**6.00 Virement tal-Budget – Re: Youth Empowerment**

6.01 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li huwa kien intalab mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jagħti rendikont ta' minn fejn kienu ser jinġiebu l-flus (kif kien indikat fil-laqgħa preċedenti) sabiex jiġi ffinanzjat il-Youth Empowerment Centre sa l-aħħar ta' din s-sena. Huwa qal li kien għadu qed jistenna risposta min-naħa tad-Dipartiment. Il-Kunsill għalhekk qabel li din il-materja titħalla għal meta l-Kunsill ikun irċeva risposta mid-Dipartiment.

**7.00 Performance Bonus tal-Haddiema u Zieda ta' Skala ta' Ms Rita Galea**

7.01 Is-Sindku qal li f' dawn l-aħħar ġimgħat kien ra improvement kbir fil-kwalita' tal-ħidma li kienu qed jagħtu l-ħaddiema klerikali tal-Kunsill u għalhekk kien qed jipproponi li l-Performance Bonus għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2009 jingħatalhom full – jiġifieri 6%. Il-Kunsill approva dan is-suġġeriment.

7.02 Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill kellu talba mingħand Ms Rita Galea, waħda mill-ħaddiema klerikali tal-Kunsill sabiex dan jikkunsdra li jtella' lil Ms Galea minn skala 13 għal skala 11. Il-Kunsill qabel li Ms Galea għandha tingħata din il-promozzjoni.. Il-Kunsill qabel ukoll li l-bidla fl-iskala kellha issir b' effett minn Marzu li għadda – jiġifieri minn meta Ms Galea kienet għamlet it-talba tagħha

**8.00 Skate Park**

8.01 Is-Sindku tkellem dwar il-possibilta' li jsir skate park fil-lokalitaċ u dan sabiex ikun hemm post ieħor ta' rikreazzjoni għat-tfal u għaż-żgħażagħ. Hu qal li kien qed

jipproponi li dan l-iskate park isir fiz-zona ta' Gnien l-Għarusa tal-Mosta. Il-Kunsill qabel.

**9.00 Gieħ il-Mosta**

9.01 Qabel ma bdiet id-diskussjoni dwar ir-rapport imħejji mis-sotto kumitat tal-għażla, il-Kunsillier Mario Sammut poġġa fuq il-mejda stima dwar reception għal 250 persuna b' konnessjoni mas-serata, kif ukoll stima oħra dwar il-midalji tad-deheb li kienu ser jingħataw waqt l-istess serata. L-istima tar-reception, mingħand La Buona Dolceria kienet ta' ewro 598.20, filwaqt li l-istima għall-midalji tad-deheb (18 karat) kienet mingħand Louis Jewellery tal-Marsa, u kienet tammonta għal ewro 354.00-il wahda. Dawn iż-żewġ stimi ġew approvati mill-Kunsill.

9.02 Is-Sindku beda billi qara r-rapport li kien tħejja mis-sotto kumitat tal-għażla. Is-Sindku wara qal li jidhirlu li l-Kunsill din is-sena, u dan minħabba raġunijiet straordinarji, għandu jagħti aktar minn tlett midalji.

9.03 Il-Kunisllier Demartino qal li qabel ma l-Kunsill jiddeċiedi dwar min kellu jingħata Gieħ il-Mosta xtaq jara kif kienu ingħataw il-punti li t-total tagħhom kienu qed jidhru fuq l-istess rapport. Qal ukoll li l-Kunsill għandu jimxi mar-regolamenti li kien għamel huwa stess u li kienu ġew approvati waqt l-aħħar laqgħa – jiġifieri li jingħataw tlett midalji *lil tlett persuni* u mhux kif kien qed jiġi ssuġġerit.

9.04 Is-Sindku qal li skond ir-regolamenti li saru, il-ġrajjiet li kenu seħħew matul din is-sena jistgħu jitqiesu bħala ċirkostanzi straordinarji, u dan anke minħabba d-dizgrazzja tal-kamra tan-nar, li kient seħħet bejn l-aħħar laqgħa tal-Kunsill u dik li qed issir illum.

9.05 Il-Kunsillier Farrugia qalet li s-sotto kumitat messu ma' dan ir-rapport ippreżenta wkoll il-mod ta' kif wasal li jingħataw il-punti. Qalet ukoll li xtaqet tara kif ingħataw il-punti.

9.06 Wara li zvolġiet diskussjoni dwar il-preżentazzjoni tar-rapport, u dwar in-nuqqas ta' tagħrif dwar kif kienu ingħataw il-punti, il-Kunsillieri Sammut u Agius issuġġerew li l-Kunsill kellu jgħaddi sabiex jieħu vot – u dan minħabba li jidher li kien hemm nuqqas ta' qbil.

9.07 Il-Kunsillieri Demartino u Farrugia qalu li huma mhux lesti li jieħdu sehem fil-vot jekk qabel ma jarawx kif ingħataw il-punti.

9.08 Hekk kif is-Sindku kien ser jgħaddi sabiex jittieħed il-vot, il-Kunsillieri Demartino, Farrugia u Mifsud ħarġu 'l barra mil-laqgħa, bil-konsegwenza li ma kienx għad hemm aktar quorum, u għalhekk il-laqgħa ma tkomplitx.

Il-laqgħa spiċċat fi d-9.15p.m.

Dott Paul Chetcuti Caruana
Sindku

Noel Cini
Aġent Segretarju Eżekuttiv